IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.9.2014
COM(2014) 519 final

2014/0239 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu**

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tinnegozja, f'isem l-Unjoni Ewropea, it-tiġdid tal-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tas-Senegal u l-Komunità Ekonomika Ewropea dwar is-sajd lil hinn mill-kosta tas-Senegal li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 1981, u Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja relatata magħhom. Wara dawn in-negozjati, fil-25 ta' April 2014 in-negozjaturi inizjalaw abbozz ta' Ftehim ġdid u abbozz ta' Protokoll. Il-Ftehim il-ġdid iħassar u jieħu post il-Ftehim eżistenti u jkopri perjodu ta' ħames snin mid-dħul fis-seħħ tiegħu u jiġġedded b'mod taċitu. Il-Protokoll il-ġdid ikopri perjodu ta' ħames snin li jibda mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tiegħu stipulata fl-Artikolu 12 tiegħu, jiġifieri mid-data meta l-Partijiet jiffirmawh.–

L-għan ewlieni tal-Protokoll il-ġdid huwa li jipprovdi qafas aġġornat, li jqis il-prijoritajiet tal-politika komuni tas-sajd riveduta u tad-dimensjoni esterna tagħha, bil-għan li tinħoloq sħubija strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal fil-qasam tas-sajd.

L-għan tal-Protokoll huwa li joffri opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni Ewropea fl-ilmijiet tas-Senegal filwaqt li jitqiesu l-valutazzjonijiet xjentifiċi disponibbli, b'mod speċjali dawk tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (CECAF), u skont l-aqwa parir xjentifiku disponibbli u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) fil-limiti tal-kwantità żejda disponibbli. Il-Kummissjoni sejset il-pożizzjoni tagħha, fost l-oħrajn, fuq ir-riżultati ta' valutazzjoni li tħares lejn il-ġejjieni, li saret minn esperti esterni, dwar jekk għandhomx jiġu konklużi Ftehim ġdid u Protokoll. L-għan huwa wkoll li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal sabiex jiġu promossi politika tas-sajd sostenibbli u l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żoni tas-sajd tas-Senegal, fl-interess taż-żewġ partijiet.

Il-protokoll jipprevedi opportunitajiet tas-sajd fil-kategoriji li ġejjin:

- 28 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni;
- 8 bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief;
- 2 bastimenti tat-tkarkir (li jintużaw għas-sajd għall-merluzz l-iswed, li huwa speċi ta' ħut tal-qiegħ li jgħix f'baħar fond).

Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni qed tipproponi li l-Kunsill jawtorizza l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim il-ġdid u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu.

## 2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Saru konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati fil-kuntest tal-valutazzjoni li tħares lejn il-ġejjieni dwar jekk għandux jintlaħaq ftehim ta' sħubija dwar is-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal. Saru konsultazzjonijiet ukoll mal-esperti mill-Istati Membri waqt laqgħat tekniċi. Minn dawn il-konsultazzjonijiet ħareġ li jkun ta' benefiċċju li jiġġedded il-Ftehim dwar is-Sajd mar-Repubblika tas-Senegal u li jiġi konkluż Protokoll tas-Sajd magħha.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Din il-proċedura qed tinbeda b'mod parallel mal-proċeduri marbutin mad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-

Sajd Sostenibbli u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll ma' dawk marbutin mar-Regolament tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali hija ta' EUR 1 808 000 għall-ewwel sena, ta' EUR 1 738 000 għat-tieni, it-tielet u r-raba' sena u ta' EUR 1 668 000 għall-ħames sena, abbażi ta':

a) tunnellaġġ ta' referenza ta' 14 000 tunnellata għat-tonn u ammont awtorizzat ta' qbid ta' 2 000 tunnellata għall-merluzz l-iswed, u l-ammonti marbutin ma' dan l-aċċess huma ta' EUR 1 058 000 għall-ewwel sena, ta' EUR 988 000 għat-tieni, it-tielet u r-raba' sena u ta' EUR 918 000 għall-ħames sena; u

b) appoġġ għall-iżvilupp tal-politika settorjali tas-sajd tar-Repubblika tas-Senegal li jammonta għal EUR 750 000 fis-sena. Dan l-appoġġ huwa konformi mal-għanijiet tal-politika nazzjonali tas-sajd u b'mod partikulari mal-ħtiġijiet tar-Repubblika tas-Senegal fir-rigward tal-appoġġ għar-riċerka xjentifika, għall-monitoraġġ u l-ġlieda kontra s-sajd illegali u għas-sajd fuq skala żgħira, fosthom għar-riabilitazzjoni ta' ekosistemi li jkunu ġew iddegradati sabiex l-istokkijiet ta' ħut li jkun għadu qed jikber ikunu jistgħu jirkupraw.

2014/0239 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal innegozjaw Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Sħubija") u Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu li jagħtu opportunitajiet tas-sajd lill-bastimenti tal-UE fl-ilmijiet li jaqgħu fis-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tar-Repubblika tas-Senegal f'dak li għandu x'jaqsam mas-sajd.

(2) Il-Protokoll ġie inizjalat fil-25 ta' April 2014 wara li ntemmu dawn in-negozjati.

(3) Il-Ftehim ta' Sħubija jħassar il-Ftehim preċedenti li ġie konkluż bejn il-Gvern tar-Repubblika tas-Senegal u l-Komunità Ekonomika Ewropea dwar is-sajd lil hinn mill-kosta tas-Senegal u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 1981.

(4) L-Artikolu 17 tal-Ftehim ta' Sħubija u l-Artikolu 12 tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni jipprevedu, rispettivament, l-applikazzjoni provviżorja tagħhom mid-data tal-iffirmar tagħhom.

(5) Il-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu għandhom jiġu ffirmati.

(6) Sabiex ikun żgurat li l-bastimenti tal-Unjoni jkomplu għaddejjin bl-attivitajiet tas-sajd tagħhom, il-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu għandhom jiġu applikati b'mod provviżorju sa ma jitlestew il-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tagħhom,

(7)

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu f'isem l-Unjoni b'dan huwa awtorizzat, dejjem jekk dan il-Ftehim u dan il-Protokoll ikunu ġew konklużi.

It-test tal-Ftehim u dak tal-Protokoll huma mehmużin ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrumenti ta' setgħa sħiħa li jawtorizzaw lill-persuni li n-negozjatur tal-Ftehim u tal-Protokoll ikun indika biex jiffirmaw il-Ftehim u l-Protokoll, dejjem jekk dawn ikunu ġew konklużi.

*Artikolu 3*

Skont l-Artikolu 17 tiegħu, il-Ftehim għandu japplika b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu sa ma jitlestew il-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 4*

Skont l-Artikolu 12 tiegħu, il-Protokoll għandu japplika b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu sa ma jitlestew il-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA


**1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

1.1. Titlu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Il-qasam/l-oqsma tal-politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB

1.3. In-natura tal-proposta/tal-inizjattiva

1.4. L-għan/l-għanijiet

1.5. Ir-raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.6. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju

1.7. Il-metodu/i ta' ġestjoni previst(i)

**2. IL-MIŻURI TA' ĠESTJONI**

2.1. Regoli tal-monitoraġġ u tar-rappurtar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

**3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

3.1. L-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji tan-nefqa affettwati

3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.3. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.4. Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet mingħand terzi persuni*

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

#### 1.1. Titlu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu.

#### 1.2. Il-qasam/l-oqsma tal-politika kkonċernati fl-istruttura tal-ABM/ABB[1]

11. – L-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

11.03 – Kontribuzzjonijiet obbligatorji għall-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u għal organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn u għall-ftehimiet dwar is-sajd sostenibbli (SFAs)

#### 1.3. In-natura tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[2]

X Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

#### 1.4. L-għanijiet

##### *1.4.1. L-għanijiet strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/tal-inizjattiva*

In-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet dwar is-sajd sostenibbli ma' pajjiżi terzi jilħqu l-għan ġenerali li jkun permess l-aċċess għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni Ewropea għal żoni tas-sajd li jinsabu fiż-Żona Ekonomika Esklussiva (ŻEE) ta' pajjiżi terzi u li tiġi żviluppata sħubija ma' dawn il-pajjiżi bil-għan li jissaħħaħ l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd barra l-ilmijiet tal-UE.

Il-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPAs) jiżguraw ukoll il-koerenza bejn il-prinċipji li jirregolaw il-Politika Komuni tas-Sajd u l-impenji meħudin skont politiki Ewropej oħrajn (l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-pajjiżi terzi, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (l-IUU), l-integrazzjoni tal-pajjiżi sħab fl-ekonomija globali u governanza politika u finanzjarja aħjar tas-sajd).

##### *1.4.2. L-għanijiet speċifiċi u l-attivitajiet tal-ABM/ABB ikkonċernati*

<u>L-għanijiet speċifiċi</u>

Sabiex jingħata kontribut għas-sajd sostenibbli fl-ilmijiet li mhumiex tal-Unjoni, tinżamm preżenza Ewropea fis-sajd fl-ilmijiet imbiegħda u jitħarsu l-interessi tas-settur tas-sajd Ewropew u tal-konsumaturi billi jiġu nnegozjati u konklużi ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli ma' Stati kostali, b'mod li jkun konsistenti ma' politiki Ewropej oħrajn.

---

1 ABM: *Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività ("Activity-Based Management")* – ABB: *Baġit Ibbażat fuq l-Attività ("Activity-Based Budgeting").*

2 Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

L-attivitajiet tal-ABM/ABB ikkonċernati

L-affarijiet marittimi u s-sajd, l-istabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqin minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' pajjiżi terżi (SFAs) (il-linja baġitarja 11.0301)

### *1.4.3. Ir-riżultati u l-impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

Il-konklużjoni tal-ftehim se tgħin biex jiġi stabbilit qafas ta' sħubija strateġika fil-qasam tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal, filwaqt li l-konklużjoni tal-protokoll se tgħin biex jinżammu l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti Ewropej fiż-żona tas-sajd tas-Senegal.

Il-protokoll se jikkontribwixxi wkoll għal ġestjoni u konservazzjoni aħjar tar-riżorsi tas-sajd, permezz ta' appoġġ finanzjarju (appoġġ settorjali) għall-implimentazzjoni tal-programmi adottati fil-livell nazzjonali mill-pajjiż sieħeb, u b'mod partikulari fir-rigward tal-kontroll u l-ġlieda kontra s-sajd illegali.

### *1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.*

Ir-rata tal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd (l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd użati bħala perċentwali tad-disponibbiltà skont il-protokoll);

il-ġbir u l-analiżi ta' dejta dwar il-qabdiet u l-valur kummerċjali tal-Ftehim;

il-kontribuzzjoni għall-impjiegi u għall-valur miżjud fl-UE u għall-istabbilizzazzjoni tas-suq tal-UE (flimkien ma' SFPAs oħrajn);

l-għadd ta' laqgħat tekniċi u ta' laqgħat tal-Kumitati Konġunti.

## 1.5. Ir-raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

### *1.5.1. Ir-rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati fuq medda qasira jew twila taż-żmien*

Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tas-Senegal u l-Komunità Ekonomika Ewropea dwar is-sajd lil hinn mill-kosta tas-Senegal li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 1981 jifforma parti mill-ftehimiet dwar is-sajd imsejħin "il-ftehimiet tal-ewwel ġenerazzjoni" u ma jinkludix il-prinċipji li ħarġu mir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd u tad-dimensjoni esterna tagħha (l-importanza tal-bażi xjentifika, it-trasparenza, l-esklużività, eċċ.). Għalhekk hemm bżonn li dan jiġi aġġornat. L-aħħar protokoll li sar ta' dan il-Ftehim skada fit-30 ta' Ġunju 2006. Il-Protokoll il-ġdid għandu jibda japplika b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu. Sabiex ma jibqax jittawwal il-perjodu ta' sospensjoni tal-operazzjonijiet tas-sajd, ingħata bidu għal proċedura sabiex il-Kunsill jadotta deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-ftehim u tal-protokoll b'mod parallel ma' din il-proċedura.

Il-Protokoll il-ġdid se jipprovdi qafas għall-attivitajiet tas-sajd tal-flotta Ewropea fiż-żoni tas-sajd tas-Senegal, u se jawtorizza lis-sidien tal-bastimenti Ewropej jitolbu liċenzji tas-sajd li jawtorizzawhom jistadu fl-ilmijiet tas-Senegal. Barra minn hekk, il-Protokoll il-ġdid isaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE u s-Senegal bil-għan li jippromwovi l-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli. Dan jipprevedi, b'mod partikulari, il-monitoraġġ tal-bastimenti permezz tal-VMS u t-trażmissjoni b'mezzi elettroniċi tad-dejta dwar il-qabdiet. L-appoġġ settorjali ssaħħaħ sabiex ir-Repubblika tas-Senegal tingħata għajnuna fil-qafas tal-istrateġija nazzjonali tas-sajd tagħha, inkluża fil-ġlieda kontra s-sajd IUU.

### *1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni Ewropea*

F'dak li għandu x'jaqsam ma' dan il-Ftehim il-ġdid u dan il-Protokoll, in-nuqqas ta' azzjoni min-naħa tal-UE jippermetti l-ħolqien ta' ftehimiet privati li ma jkunux

jistgħu jiżguraw sajd sostenibbli. L-Unjoni Ewropea tittama wkoll li, permezz ta' dan il-Protokoll, ir-Repubblika tas-Senegal tkompli tikkoopera b'mod effettiv mal-UE b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġlieda kontra s-sajd illegali.

*1.5.3. Tagħlim miksub minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

L-analiżi tal-qabdiet li saru fis-Senegal fl-imgħoddi u tal-qabdiet li saru dan l-aħħar fil-qafas ta' protokolli simili f'dan ir-reġjun, kif ukoll il-valutazzjonijiet u l-pariri xjentifiċi disponibbli wasslu biex il-partijiet jistabbilixxu tunnellaġġ ta' referenza għat-tonn u ammont awtorizzat ta' qbid għall-merluzz l-iswed (ta' 14 000 tunnellata fis-sena u ta' 2 000 tunnellata fis-sena rispettivament). L-appoġġ settorjali relattivament għoli li ngħata jqis il-prijoritajiet tal-istrateġija nazzjonali f'dak li għandu x'jaqsam mas-sajd, kif ukoll il-ħtiġijiet f'termini tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-amministrazzjoni tas-sajd tas-Senegal.

*1.5.4. Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħrajn*

Il-fondi mħallsin skont is-SFPAs jikkostitwixxu dħul funġibbli fil-baġits tal-pajjiżi terzi sħab. Madankollu, l-allokazzjoni ta' wħud minn dawk il-fondi għall-implimentazzjoni ta' miżuri bħala parti mill-politika settorjali tal-pajjiż hija kundizzjoni għall-konklużjoni u l-monitoraġġ tas-SFPAs. Dawn ir-riżorsi finanzjarji huma kompatibbli ma' sorsi ta' fondi oħrajn minn donaturi internazzjonali oħrajn tal-fondi biex jitwettqu proġetti u/jew programmi fil-livell nazzjonali fis-settur tas-sajd.

## 1.6. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju

X Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

– X Proposta/inizjattiva fis-seħħ għal perjodu ta' ħames snin mid-data tal-iffirmar

– X Impatt finanzjarju mill-2014 sal-2018

☐ Proposta/inizjattiva ta' tul ta' żmien mhux limitat

– Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu minn [SSSS] sa [SSSS],

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.7. Il-metodi ta' ġestjoni previsti[3]

**<u>Mill-baġit tal-2014</u>**

X **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni:

– X mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi;

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** b'delega tal-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

– ☐ pajjiżi terzi jew il-korpi li huma jkunu ħatru;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (li għandhom jiġu speċifikati);

– ☐ il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ il-korpi msemmijin fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk tindika aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok agħti d-dettalji fit-taqsima tal-"Kummenti".*

Kummenti

| |
|---|
| |

[3] Id-dettalji dwar il-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit tal-internet tal-baġit (BudgWeb) li ġej: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

## 2. IL-MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli tal-monitoraġġ u tar-rappurtar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet ta' dawn ir-regoli.*

Il-Kummissjoni (id-DĠ AFFARIJIET MARITTIMI U SAJD, b'kollaborazzjoni mal-espert tas-sajd tagħha bbażat fis-Senegal u mad-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea f'Dakar) se tiżgura l-monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd mill-operaturi u f'termini tad-dejta dwar il-qabdiet.

Barra minn hekk, is-SFPA jipprevedi mill-inqas laqgħa waħda annwali tal-Kumitat Konġunt, li fiha l-Kummissjoni u r-Repubblika tas-Senegal jiltaqgħu sabiex jirrevedu l-implimentazzjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll tiegħu u, fejn ikun meħtieġ, jaġġustaw l-ipprogrammar u, fejn ikun xieraq, il-kontribuzzjoni finanzjarja.

### 2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

*2.2.1. Ir-riskji identifikati*

Jeżistu ċertu riskji fit-twaqqif ta' protokoll dwar is-sajd, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mal-ammonti maħsubin għall-finanzjament tal-politika settorjali tas-sajd (is-sottoprogrammar).

*2.2.2. Informazzjoni dwar is-sistema ta' kontroll interna stabbilita*

Qed jiġi ppjanat djalogu estensiv dwar l-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-politika settorjali prevista fil-Ftehim u fil-Protokoll. L-analiżi konġunta tar-riżultati, imsemmija fl-Artikolu 4 tal-Protokoll, ukoll tifforma parti minn dawn il-metodi ta' kontroll.

Barra minn hekk, il-Ftehim u l-Protokoll jinkludu klawżoli speċifiċi għas-sospensjoni tagħhom, skont ċertu kundizzjonijiet u f'ċertu ċirkustanzi.

*2.2.3. Stima tal-ispejjeż u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' żball*

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew dawk previsti.*

Il-Kummissjoni tintrabat li tistabbilixxi djalogu politiku u kooperazzjoni regolari mar-Repubblika tas-Senegal bil-għan li tittejjeb il-ġestjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll u biex jissaħħaħ il-kontribut tal-UE għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi. F'kull każ, kull pagament li jsir mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' SFPA huwa suġġett għar-regoli u l-proċeduri baġitarji u finanzjarji standard tal-Kummissjoni. Dan jippermetti, b'mod partikulari, li jiġu identifikati bis-sħiħ il-kontijiet bankarji tal-Istati terzi li fihom jitħallsu l-kontribuzzjonijiet finanzjarji. Għal dan il-Protokoll partikulari, l-Artikolu 3(9) jistipula li l-kontribuzzjoni finanzjarja kollha għandha titħallas f'kont tat-Teżor Pubbliku tas-Senegal jew f'kont ta' depożitu miftuħ fil-kotba tat-Teżor Pubbliku tas-Senegal.

## 3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. L-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji tan-nefqa affettwati

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru [Deskrizzjoni……………………….……… ……] | AD/AMD (4) | mill-pajjiżi tal-EFTA[5] | mill-pajjiżi kandidati[6] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) t ar-Regolament Finanzjarju |
| 2 | 11.03 01<br>L-istabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqin minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi (SFAs) | AD | LE | LE | IVA | LE |

- Linji baġitarji ġodda mitlubin (mhux applikabbli)

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru [Deskrizzjoni………………………………… ……] | AD/AMD | mill-pajjiżi tal-EFTA | mill-pajjiżi kandidati | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) t ar-Regolament Finanzjarju |
| | [XX.YY.YY.YY] | | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

4 AD = Approprjazzjonijiet differenzjati/AMD = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

5 EFTA = l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

6 Il-pajjiżi kandidati u, fejn ikun applikabbli, il-pajjiżi li huma kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

### 3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

#### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

f'miljuni ta' Euro (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:** | **In-numru 2** | It-tkabbir sostenibbli: ir-riżorsi naturali |
|---|---|---|

| Id-DĠ AFFARIJIET MARITTIMI U SAJD | | | L-<br>**2014** | L-<br>**2015** | L-<br>**2016** | L-<br>**2017** | L-<br>**2018** | daħħal is-snin kollha meħtieġa biex turi t-tul ta' żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | **L-AMMONT TOTALI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | | | | |
| Numru tal-linja baġitarja 11.0301 | Impenji | (1) | 1.808 | 1.738 | 1.738 | 1.738 | 1.668 | | | **8.690** |
| | Pagamenti | (2) | 1.808 | 1.738 | 1.738 | 1.738 | 1.668 | | | **8.690** |
| Numru tal-linja baġitarja | Impenji | (1a) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (2a) | | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett finanzjarju għal programmi speċifiċi[7] | | | | | | | | | | |
| Numru tal-linja baġitarja 11 010401 | | (3) | 0.053 | 0.053 | 0.053 | 0.053 | 0.113 | | | **0.325** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet** għad-DĠ AFFARIJIET MARITTIMI U SAJD | Impenji | =1+1a +3 | 1.861 | 1.791 | 1.791 | 1.791 | 1.781 | | | **9.015** |
| | Pagamenti | =2+2a +3 | 1.861 | 1.791 | 1.791 | 1.791 | 1.781 | | | **9.015** |

7 L-assistenza teknika u/jew amministrattiva u n-nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-programmi u/jew tal-azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu l-linji "BA"), ir-riċerka indiretta u r-riċerka diretta.

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | 1.808 | 1.738 | 1.738 | 1.738 | 1.668 | | | 8.690 |
| | Pagamenti | (5) | 1.808 | 1.738 | 1.738 | 1.738 | 1.668 | | | 8.690 |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett finanzjarju għal programmi speċifiċi | | (6) | 0.053 | 0.053 | 0.053 | 0.053 | 0.113 | | | **0.325** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet fl-INTESTATURA 2** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+ 6 | 1.861 | 1.791 | 1.791 | 1.791 | 1.781 | | | **9.015** |
| | Pagamenti | =5+ 6 | 1.861 | 1.791 | 1.791 | 1.791 | 1.781 | | | **9.015** |

**Jekk iżjed minn intestatura waħda hija affettwata mill-proposta/mill-inizjattiva: MHUX APPLIKABBLI**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (5) | | | | | | | | |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett finanzjarju għal programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet fl-INTESTATURI 1 sa 4** tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza) | Impenji | =4+ 6 | | | | | | | | |
| | Pagamenti | =5+ 6 | | | | | | | | |

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali: | 5 | Nefqa amministrattiva |
|---|---|---|

f'miljuni ta' Euro (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| | | L-2014 | L-2015 | L-2016 | L-2017 | L-2018 | daħħal is-snin kollha meħtieġa biex turi t-tul ta' żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | L-AMMONT TOTALI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: AFFARIJIET MARITTIMI U SAJD | | | | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | 0.113 | 0.113 | 0.113 | 0.113 | 0.113 | | | **0.565** |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | 0.006 | 0.006 | 0.006 | 0.006 | 0.006 | | | **0.030** |
| **TOTAL TAD-DĠ AFFARIJIET MARITTIMI U SAJD** | Approprjazzjonijiet | 0.119 | 0.119 | 0.119 | 0.119 | 0.119 | | | **0.595** |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet fl-INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Impenji totali = Pagamenti totali) | 0.119 | 0.119 | 0.119 | 0.119 | 0.119 | | | **0.595** |

f'miljuni ta' Euro (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| | | L-2014 | L-2015 | L-2016 | L-2017 | L-2018 | daħħal is-snin kollha meħtieġa... | | L-AMMONT TOTALI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet fl-INTESTATURI 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 1.980 | 1.910 | 1.910 | 1.910 | 1.900 | | | **9.610** |
| | Pagamenti | 1.980 | 1.910 | 1.910 | 1.910 | 1.900 | | | **9.610** |

*3.2.2. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali

– x Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet għall-impenji f’miljuni ta’ Euro (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| **Indika l-għanijiet u r-riżultati** ⇩ | | | L-**2014** | | L-**2015** | | L-**2016** | | L-**2017** | | L-**2018** | | daħħal is-snin kollha meħtieġa biex turi t-tul ta’ żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | | **L-AMMONT TOTALI** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **IR-RIŻULTATI (outputs)** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip[8] | Spiża medja | Għadd | Spiża | Għadd | Spiża | Għadd | Spiża | Għadd | Spiża | Għadd | Spiża | Għadd | Spiża | Għadd | Spiża | Għadd totali | Spiża totali |
| L-GĦAN SPEĊIFIKU NUMRU 1[9]… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - liċenzji tal- | tunnell | [10] | | 1.058 | | 0.988 | | 0.988 | | 0.988 | | 0.918 | | | | | | 4.940 |
| - appoġġ | annwal | 0.750 | | 0.750 | | 0.750 | | 0.750 | | 0.750 | | 0.750 | | | | | | 3.750 |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Is-subtotal għall-għan speċifiku numru 1 | | | | 1.808 | | 1.738 | | 1.738 | | 1.738 | | 1.668 | | | | | | 8.690 |
| L-GĦAN SPEĊIFIKU NUMRU 2… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

8 Ir-riżultati huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereżempju l-għadd ta’ skambji ta’ studenti ffinanzjati, l-għadd ta’ kilometri ta’ toroq mibnija, eċċ.).

9 Kif deskritt fit-Taqsima 1.4.2. “L-għanijiet speċifiċi”.

10 Għat-tonn, il-prezz għal kull tunnellata (b’tunnellaġġ ta’ referenza ta’ 14 000 tunnellata fis-sena) huwa ta’ EUR 55 fl-ewwel sena, EUR 50 fit-tliet snin ta’ wara u EUR 45 fl-aħħar sena; u għall-merluzz l-iswed, il-prezz totali (b’ammont awtorizzat ta’ qbid ta’ 2 000 tunnellata fis-sena) huwa ta’ EUR 228 000 fis-sena.

| | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Is-subtotal għall-għan speċifiku numru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **L-ISPIŻA TOTALI** | | 1.808 | | 1.738 | | 1.738 | | 1.738 | | 1.668 | | | | | | 8.690 |

### *3.2.3. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

### 3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– x Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

f'miljuni ta' Euro (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| | L-<br>**2014** | L-<br>**2015** | L-<br>**2016** | L-<br>**2017** | L-<br>**2018** | daħħal is-snin kollha meħtieġa biex turi t-tul ta' żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | **L-AMMONT TOTALI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | 0.113 | 0.113 | 0.113 | 0.113 | 0.113 | | | **0.565** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0.006 | 0.006 | 0.006 | 0.006 | 0.006 | | | **0.030** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 0.119 | 0.119 | 0.119 | 0.119 | 0.119 | | | **0.595** |
| **Riżorsi li jaqgħu barra l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali[11]** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | 0.041 | 0.041 | 0.041 | 0.041 | 0.041 | | | **0.205** |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | 0.012 | 0.012 | 0.012 | 0.012 | 0.072 | | | **0.120** |
| **Subtotal tar-riżorsi li jaqgħu barra l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 0.053 | 0.053 | 0.053 | 0.053 | 0.113 | | | **0.325** |
| **L-AMMONT TOTALI** | **0.172** | **0.172** | **0.172** | **0.172** | **0.232** | | | **0.928** |

L-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva meħtieġa se jagħmlu tajjeb għalihom l-approprjazzjonijiet tad-DĠ li huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà tqassmu mill-ġdid fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jkun qed imexxi l-azzjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

11 L-assistenza teknika u/jew amministrattiva u n-nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-programmi u/jew tal-azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu l-linji "BA"), ir-riċerka indiretta u r-riċerka diretta.

3.2.3.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani

– x Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima għandha tingħata f'unitajiet ekwivalenti għal full-time*

| | | L-2014 | L-2015 | L-2016 | L-2017 | L-2018 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Karigi previsti fil-pjan ta' twaqqif (uffiċjali u aġenti temporanji)** | | | | | | |
| 11 01 01 01 (fil-kwartieri ġenerali u fl-uffiċċji ta' rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | 0.95 | 0.95 | 0.95 | 0.95 | 0.95 |
| XX 01 01 02 (fid-delegazzjonijiet) | | | | | | |
| XX 01 05 01 (għar-riċerka indiretta) | | | | | | |
| 10 01 05 01 (għar-riċerka diretta) | | | | | | |
| **• Persunal estern (f'ekwivalenti għal full-time - FTE)**[12] | | | | | | |
| XX 01 02 01 (AK, ENS, INT mill-"pakkett globali") | | | | | | |
| XX 01 02 02 (AK, AL, ENS, INT u JED fid-delegazzjonijiet) | | | | | | |
| **11** 01 04 01 [13] | - fil-Kwartieri ġenerali | | | | | |
| | - fid-delegazzjonijiet | 0.5 | 0.5 | 0.5 | 0.5 | 0.5 |
| **XX** 01 05 02 (AK, ENS, INT għar-riċerka indiretta) | | | | | | |
| 10 01 05 02 (AK, ENS, INT għar-riċerka diretta) | | | | | | |
| Linji baġitarji oħrajn (speċifika) | | | | | | |
| **L-AMMONT TOTALI** | | | | | | |

XX huwa l-qasam politiku jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jagħmel tajjeb għalihom il-persunal tad-DĠ li huwa diġà assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà tqassam mill-ġdid fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jkun qed imexxi l-azzjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li għandhom jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | L-implimentazzjoni amministrattiva u baġitarja tal-ftehim (il-liċenzji, il-monitoraġġ tal-qabdiet, il-pagamenti u l-appoġġ settorjali), it-tħejjija tal-Kumitati Konġunti u tan-negozjati tal-Protokoll sussegwenti u l-parteċipazzjoni fihom, it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-atti leġiżlattivi, il-korrispondenza u l-appoġġ tekniku u xjentifiku.<br>Uffiċjal + assistent finanzjarju + segretarjat + kap tal-unità (jew viċi kap) + appoġġ xjentifiku u tekniku u l-ġbir tad-dejta dwar il-liċenzji u dwar il-qabdiet: 0.95 FTE imqassmin f'0.75 FTE b'132 000 Euro fis-sena u 0.2 FTE b'70 000 Euro fis-sena. |
| Persunal estern | Monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim u tal-appoġġ settorjali. Stima ta' 0.33 FTE b'125 000 Euro fis-sena. |

12 AK = aġent kuntrattwali; AL = aġent lokali; ENS = espert nazzjonali ssekondat; INT = persunal tal-aġenzija ("Intérimaire"); JED = espert żgħir fid-delegazzjonijiet ("Jeune Expert en Délégation").

13 Sublimitu massimu għall-persunal estern iffinanzjat mill-approprjazzjonijiet operattivi (dawk li qabel kienu l-linji "BA").

### 3.2.4. *Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

– x Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva se tinvolvi l-ipprogrammar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

| |
|---|
| Spjega x'tip ta' pprogrammar mill-ġdid huwa meħtieġ u speċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument tal-flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali[14].

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ u speċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

### 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet mingħand terzi persuni*

– Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix il-kofinanzjament mingħand terzi persuni.

– Il-proposta/l-inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' Euro (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| | Is-sena **N** | Is-sena **N+1** | Is-sena **N+2** | Is-sena **N+3** | daħħal is-snin kollha meħtieġa biex turi t-tul ta' żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | L-ammont totali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-entità ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| L-approprjazzjonijiet TOTALI kkofinanzjati | | | | | | | | |

[14] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali (għall-perjodu mill-2007 sal-2013).

### 3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

– x Il-proposta/l-inizjattiva m'għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq id-dħul mixxellanju

f'miljuni ta' Euro (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[15] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Is-sena **N** | Is-sena **N+1** | Is-sena **N+2** | Is-sena **N+3** | daħħal is-snin kollha meħtieġa biex turi t-tul ta' żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| L-Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għad-dħul mixxellanju "assenjat", speċifika l-linji baġitarji tan-nefqa affettwati.

| |
|---|
| |

Speċifika l-metodu tal-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

| |
|---|
| |

15 F'dak li għandu x'jaqsam mar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara li minnhom jitnaqqsu 25 % għall-ispejjeż tal-ġbir.